# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tal-lum il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru, 2023

**Rikors Ġuramentat Nru.: 524/22MH**

**Numru:**

**Ian Magro**

**Vs**

**Galletta Construction Limited**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat** fejn ġie premess u mitlub illi:-

1. *"Illi fit-tmintax ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (18.05.2019) seħħ inċident fit-triq F. Vidal, is-Swieqi , meta fil-perkors ta' xogħolijiet illi kienu qiegħdin jiġu eżegwiti mis-soċjeta' intimata fl-imsemmija triq, intlaqat cable tad-dawl li wassal sabiex tinqata' temporanjamentil-provvista tal-elettriku fil-fond espomnenti ossija l-fond bin-numru 49, "Sentosa", Triq is-Siegħ, l- Ibraġġ, is- Swieqi, fost fondi oħra. Dan hekk kif jirriżulta mir-rapport tal- pulizija li qiegħed jiġi hawn anness u markat bħala* **Dok. A.**

2. *Illi riżultat ta' dan l-incident, l-esponent ġarrab danni fl-ammont komplessiv ta' għoxrin elf mija erbgħa u sittin ewro (€20,164) hekk ser jirriżulta aħjar waqt it- trattazzjzoni ta' dawn il- proċeduri.*

3. *Illi għal dan l-inċident u konsegwanzjali danni kienet taħti unikament is-soċjeta' intimata minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza*

*uinosservanza tar- regolamenti, bi ksur tal-Artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

4. *Illi minkejja li s-soċjeta' intimata kienet interpellata sabiex tagħmel tajjeb għad-danni tal-esponent u dan anke permezz ta' ittra uffiċjali datata 30 ta' Marzu 2021, hija baqghet inadempjenti.*

*Għalhekk kellha issir din il-kawza fejn l-esponent qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet kollha premessi, sabiex:*

1. *Tiddikjara li-soċjeta' intimata unikament responsabbli għall-incident fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrab l-esponent.*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-esponent fl-ammont komplessiv ta' għoxrin elf mija erbgħa u sittin ewro (€20,164).*

3. *Tikkundanna lis-Soċjeta' intimata sabiex tħallas lill-esponent s-somma ta għoxrin elf mija erbgħa u sittin ewro (€20,164) hekk likwidata.*

*Bl-ispejjes, kompiżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Marzu 2021 u bl-imgħax legali b'effett mit-30 ta' Marzu 2021, kontra l-istess soċjeta' intimata li hija nġunta għas-subbizjoni."*

Rat **ir-risposta ġuramentata** għall-istess fejn ġie eċċepiet illi:-

1. *"Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fi-dritt stante li s-soċjeta' esponenti ma kellha ebda responsabilita għall-allegati ħsarat.*

2. *Illi t-talbiet attriċi huma fi kwalsiasi każ preskritta ai termini tal-liġi u dan stante li s-soċjeta' intimata qatt ma kienet notifikata bl- interpellanza tal -ittra uffiċjali datat 30 ta' Marzu 2021.*

3. *Illi fi kwalsiasi każ id-danni allegati huma esaġerati u qatt ma kienu kwantifikati u huma ferm esaġerati meta wieħed jeżamina dokument A anness mar-rikors promutur fejn ma jissemma ebda dannu ta' din in-natura u entita'.*

4. *Illi fi kwalsiasi każ kull interpellanza kellha ssir lil terzi inkluż kull soċjeta' assikuratriċi li setgħet kienet involuta fil-każ u f'dan ir-rigward l-esponenti tirriserva l-kjamat in kawża mal-prosegwiment tal-kawża u wara d-debiya awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*Għar-raġunijiet premessi u għall-eċċezzjonijiet li jistgħu jsiru waqt is-smigħ tal-kawża l-esponenti titlob ċ-ċaħda tat-talbiet kollha attriċi.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat illi din il-kawża tħalliet għal sentenza preliminari fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta li taqra;-

*"Illi t-talbiet attriċi huma fi kwalsiasi każ preskritti ai termini tal-liġi u dan stante li s-soċjeta' intimata qatt ma kienet notifikata bl-interpellanza tal-ittra uffiċjali datata 30 ta' Marzu, 2021."*[1]

Rat lil Qorti tat diversi differimenti biex is-soċjeta konvenuta tressaq il-provi tagħha fuq din id-difiża minnha mressqa. Mhux talli naqset biex tagħmel dan, imma nonostante li anke ħadet konoxxenza tan-nota presentata tramite liema Ian Magro l-attur mhux talli preżenta kopja legali ta' ittra uffiċjali mibgħuta lil konvenuta fir-rigward tad-danni mertu ta' din il-vertenza, datata 30 ta' Marzu, 2021[2], **imma saħansitra preżenta in-notifika ta' l-istess lil Galletta Construction Limited li saret fil-15 ta' April, 2021.** [3]

Tara li nonostante dan, is-soċjeta konvenuta qatt ma resqet biex tirregola ruħha dwar din l-eċċezzjoni minnha mressqa.

Ikkunsidrat

Il-kawza mressqa hija waħda ta' natura akwiljana fejn qed jiġi mfittxija sodisfazzjon tad-danni kkaġunati.

[1] Folio 28
[2] Folio 32
[3] Folio 33.

Għalkemm huwa ċar għal Qorti x'inhu t-terminu preskrittiv li jolqot din it-talba, kien jolqot lis-soċjeta' li resqet din id-difiża li tindika fuq liema terminu statutorju qiegħda tistrieħ.

A skans ta' aktar ħela ta' żmien il-Qorti tagħmel referenza għal artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li minn dak premess fir-rikors promotur li dan id-dannu **jirrisali għas-sena 18 ta' Mejju, 2019.**

Rat ukoll li sussegwentement l-attur intavola l-ittra uffiċjali esebita **datata 30 ta' Marzu, 2021**. Din a kontrarju ta' dak miżmum mis-soċjeta' konvenuta **ġiet debitament notifikata kif ingħad inqas minn xahar wara**.[4].

Illi l-Qorti m'għandix għalfejn tiddilunga aktar fit-tul fuq din il-vertenza. Anzi tqies li dan kien eżerċizzju seta' ġie faċilment sorvolat mill-konvenuta.

Però oltre dan il-Qorti tagħmel referenza għat-tielet eċċezzjoni bla però ma tidħol fil-mertu tagħha. Hawn id-difiża għat-talba tad-danni hija li dawn huma **eżaġerati** fir-rigward tal-kwantifikazzjoni tagħhom.

Hu miżmum li tali kontestazzjoni tad-dovut, in kwantu kkontestat l-ammont tiegħu, fil-każ in disamina tad-danni, huwa nkompatibbli ma l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Dan ingħad fil-ġurisprudenza nostrali:

- fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Civili fl-ismijiet **Peter Paul Muscat u Antonia Muscat vs Peter Muscat Scerri e**t deċiża fis-26 Ta' Ġunju, 2009 intqal:

*"(iii) Fil-kawża* ***Vella vs Cefai noe****, deċiża minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 2001, intqal li filwaqt illi l-eċċezzjoni tal-pagament ma kenitx inkompatibbli ma' dik tal-preskrizzjoni, gie minn dejjem sostnut illi hija inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni dik ta' ineżistenza assoluta tal-kreditu jew dik tal-kompensazzjoni.*

[4] Artikolu 2130 tal-kap 12.

*Fl-istess sens hija s-sentenza moghtija minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Novembru, 2001 fil-kawża fl-ismijiet* ***Vella vs Moby Rentals Ltd****. Anke jekk, it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` kjamata in kawża tinqara fis-Sens li t-talba tal-attur hi esaġerata (għax għad-danni li sofra ġja` nghata rimedju), tali eċċezzjoni twaqqa' dik ta' preskrizzjoni kif ingħad minn din il-Qorti fil-kawza Aluminium Ltd. . Earli Ltd., deċiża fis-16 ta' Frar, 2004. (enfasi tal-Qorti)*

*Kwindi, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tiġi milqugħa."*

-L-istess prinċipju ta l-inkompatibilita tal-eċċezzjoni ta' ammont esaġerat ma dik tal-preskrizzjoni nsibuha ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Xavier Fenech vs Stephen George Steiner** kif ikkonfermata mill-Appell 52/2007/1 fejn l-ewwel Qorti qalet hekk f'dan ir-rigward:

*"Illi anke li kieku l-artikolu tal-ligi ċitat mill-konvenut dwar il-preskrizzjoni partikolari kellu jiġi kunsidrat minn dan it-Tribunal li japplika ghall-każ in diżamina, din l-eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni jkollha t-tendenza li tfalli xorta wahda fid-dawl tal-eċċezzjoni l-ohra li qajjem l-istess konvenut li l-ammont mitllub huwa wiehed esaġerat. Il-konvenut ma llimitax ruħu li jeċċepixxi l-preskrizzjoni, u permezz ta' eċċezzjoni ohra jikkontendi li l-ammont mitlub huwa wiehed esaġerat. Kif ġie stabilit mill-Qrati tagħna li 'eċċezzjoni li l-ammont mitlub huwa esaġerat, hija inkonsistenti mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Din l-eċċezzjoni ma tistax ma tinftehimx ħlief bħala ammissjoni tal-kreditu iżda wkoll bħala kontestazzjoni tal-quantum.' [Qorti tal-Appell, 'Guido J. Vella vs Dr. Emmanuele G. Cefai', 05.10.2001; Qorti tal-Appell, Aluminium Ltd. vs EARLI Ltd., 16.02.2004; Appell Inferjuri, Mary Rose Tabone vs Silvio Vassallo pro et noe, 24.03.2004; Appell Inferjuri, Pace Associates Ltd. vs Drawing Techniques Ltd., 07/12/2005]." ( Emfasi u sottolinear ta' din il-Qorti).*

-Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Mary Rose Tabone qabel Stellini vs Silvio Vassallo pro et** noe deċiża fil-24 ta' Marzu, 2004; App 618/20001/1 nsibu;

*"Issokta jiġi osservat ukoll illi "jekk id-debitur jirrikonixxi d-dejn dan irrikonoxximent jimporta rinunzja għall-preskrizzjoni u dan ir-rikonoxximent jista' jkun anke preżunt jew indirett. U lanqas hemm bżonn li rrikonoxximent ikun għall-kwantita` kollha dovuta, u jista' jirrigwarda kreditu illikwidu" (Kollez. Vol. XLIII pII p744; Vol XLV pII p632)."*

*"Ġie sewwa ritenut illi fejn id-debitur ma jiċħadx id-dejn imma sempliċiment jikkontesta l-quantum ta' l-ammont dovut allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qiegħed jinterrompi u taċitament jirrinunzja għall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri ("Anthony Fenech et noe –vs- John Saliba", Qorti Kummerċ, 21 ta'*

*April 1971; "Victor Calleja noe –vs- Nazzareno Vassallo et noe", Appell, 5 ta' Ottubru 1998). Dan japplika wkoll jekk ir-rikonoxximent isir wara li jkun għadda ż-żmien tal-preskrizzjoni ("Alfredo Borg –vs- Carmelo Brincat et", Appell Ċivili 5 ta' Ġunju 1959)." ( Emfasi tal-Qorti). Fid-deċiżjoni fl-ismijiet Vincent Buttiġieġ vs Qala St.Joseph Football Club Citaz. Nru 72/2005 ta' 14 ta' Diċembru, 2007 insibu ukoll ritenut; "Kienet tkun differenti l-kwistjoni kieku per eżempju l-kontestazzjoni kienet dwar il-quantum. ....." vi ha rinunzia tacita alla prescrizione quando il debitore senza negare di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammonto dovuto, e la espressione come sopra usata del convenuto ( li ma kelux jaghti daqshekk) dimostra che egli ammetteva di essere debitore verso l'attore, ma non riconosceva come esatta la somma da costui pretesa" (Vol XXVI.i.441) citata fil-kawza fl-ismijiet Anthony Guilliamier vs Joseph Aveta nomine deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Diċembru 1998."*

**Magħmula dawn il-konstatazzjonijiet kollha il-Qorti qegħda per konsegwenza tiċħad it-tieni eċċezzjoni bl-ispejjeż ta' din l-istanza a karigu tal-konvenuta.**

**Onor. Miriam Hayman**
**Imħallef**

**Maraya Aquilina**
**Dep.Reġ.**